# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 18**

**Citazzjoni numru 532/05 AE**

**Charles u Alfred ahwa Grima, Gemma mart Joseph Brownrigg, l-istess Joseph Brownrigg, Carmelina mart il-Magistrat Dr Gawdenz Borg, Miriam mart Dr George Vella u l-istess Dr George Vella, Agostina mart Carlo Cini u l-istess Carlo Cini, Angela mart Henry Gauci Borda u l-istess Henry Gauci Borda, Maria Angela mart il-mejjet Frank Grima, Edward u Gordon ahwa Grima Baldacchino, Vanessa mart Mario Frazier assenti rapprezentata minn Maria Angela armla ta' Frank Grima, Claude u Simon ahwa Grima, u Anjelica mart Jonathan Ellul u l-Magistrat Dr Gawdenz Borg**

**v.**

**Joseph Spagnol**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni mressqa mill-atturi fl-1 ta' Gunju, 2005, fejn ippremettew illi:

"Premess li l-atturi huma proprjetarji ta' bicca art li tinsab fil-bajja ta' San Tumas u li fil-pjanta annessa hija indikata bin-numru 26 f'art imsejha tan-Noqra fil-Bajja ta' San Tumas kif indikata fis-site plan hawn annessa.

"peress illi l-atturi kienu pprocedew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dan kontra Michael Spagnol u Joseph Spagnol u talbu l-izgumbrament peress illi l-kamra li kienu bnew abusivament Michael Spagnol u Joseph Spagnol kienet fuq art appartenenti lil atturi u ghalhekk il-konvenuti f'dik il-kawza kienu qed jokkupaw minghajr ebda titlu validu fil-ligi, u l-konvenut Joseph Spagnol u l-konvenut l-iehor f'dik il-kawza, kienu kkontestaw li l-attri huma proprjetarji. Illi wara li ntlaqghet it-talba tal-atturi quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien sar appell u stante li kienet tqajmet eccezzjoni dwar il-proprjeta l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat fid-29 ta' Marzu 1996 li ma kinitx kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati.

"Peress illi l-atturi ghandhom interess illi jigi definittivament iddikjarat illi l-art in kwistjoni hija proprjeta taghhom u li l-konvenut tal-lum li ghadu qed jokkupa l-art bil-bini li tela" ma ghandu l-ebda jedd jew titlu fuq l-istess art, huma kellhom jipprocedu ghal din il-kawza u halli l-konvenut rimanenti jwaqqa' kull kostruzzjoni maghmula minnu abusivament

"Peress li l-konvenut odjern huwa l-unika persuna li qed tokkupa abusivament l-art tal-atturi.
"Jghid l-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. "Prevja dikjarazzjoni li l-art fil-bajja ta' San Tumas Marsascala mgharufa bhala ta' Noqra u li hija mmarkata bin-numru 26 fis-site plan annessa mac-citazzjoni hija proprjeta tal-atturi;

2. "jigi dikjarat illi l-konvenut ma ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi fuq l-istess art., u konsegwentement jigi ordnat fi zmien qasir u perentorju jwaqqa' kull kostruzzjoni abusiva li ghandu fuq l-istess art, u fin-nuqqas jigu awtorizzati l-atturi li jaghmlu l-istess twaqqiegh bi spejjez tal-konvenut taht direzzjoni ta' perit li jigi nominat.

"Bl-istess kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut Joseph Spagnol fil-21 ta' Mejju, 2008, li permezz taghha kien eccepit:

"(1) Illi preliminajment, il-konvenut qatt ma ppretenda illi huwa l-proprjetarju ta' l-art in kwistjoni u ghalhekk ma huwiex il-legittimu

kuntradittur u in oltre ghal kull buon fini jiddikjara illi l-kamra in kwistjoni ilha fil-pussess tal-familja tieghu ghal diversi generazzjonijiet min-naha ta' ommu, Catherine Spagnol;

"(2) Illi ukoll preliminarjament, l-atturi ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom fil-kawza odjerna fir-rigward tal-art indikata mill-atturi;

"(3) Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatti u fid-dritt u ghandhom jigu michuda u dan in stante illi l-atturi ma humiex proprjetarji ta' l-art mertu tal-kawza odjerna;

"(4) Illi, in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-art in kwistjoni;

"(5) Illi, in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal kull buon fini, il-konvenut jirrileva illi l-kamra in kwistjonni ma hijiex okkupata minnu biss hekk kif qed jinghad mill-attur izda minn diversi membri tal-familja Spagnol, fosthom minn ommu Catherine Spagnol

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez kontra l-atturi".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Ottubru, 2012, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, iddikjarat li fejn fil-pjanta Dok. A a fol. 6 tal-process tidher il-kamra numru 26, din hi proprjetà tal-atturi; iddikjarat li l-konvenut m'ghandu l-ebda titolu fuq l-istess kamra u ghalhekk m'ghandu ebda jedd jokkupaha; u ddikjarat li l-konvenut kellu jnehhi l-kamra fi zmien sittin gurnata mid-data tas-sentenza, ghas-spejjez tieghu, u fin-nuqqas l-atturi jkollhom id-dritt li jnehhu l-istess. Salv u impregudikat il-pretensjonijiet li jista' jkollhom terzi li ma kienux parti fil-proceduri odjerni. Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li semghet ix-xhieda, rat l-atti, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet, u ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijet:

> "F'azzjoni ta' din ix-xorta, trid issir prova li:-
>
> "i. L-attur hu l-proprjetarju tal-oggett li dwaru tezisti l-kontestazzjoni. Ghalkemm il-konvenut jippretendi li ghandha ssir indagni fir-rigward tat-titolu tal-predecessuri tal-atturi, il-gurisprudenza lokali zviluppat b'tali mod fejn ma baqghetx tinsisti fuq il-prova diabolica[1].
>
> "ii. L-oggett ikun fil-pussess tal-konvenut.
>
> "Jibda biex jinghad li l-konvenut m'ghandux ragun meta ddikjara li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Ghalkemm fl-ewwel eccezzjoni qal li "*qatt ma ppretenda illi huwa l-proprjetarju ta' l-art in kwistjoni u ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur*", jirrizulta li l-kamra qeghda fil-pussess tieghu. Certament li f'din it-tip ta' azzjoni hu l-legittimu kontradittur gialadarba l-atturi jridu li jigi ddikjarat li m'ghandux titolu u li jiehdu lura l-pussess tal-art.
>
> "Il-konvenut jikkontesta li l-atturi huma proprjetarji tal-art oggett ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta li l-atturi kienu jikru lil Michael Spagnol, missier il-konvenut, tram antik bin-numru 28. Il-kwistjoni hi dwar kamra li nbniet minn Michael Spagnol, u li l-atturi jirreferu ghaliha bin-numru 26. In sostenn tat-titolu li jippretendu li ghandhom, l-atturi pprezentaw kuntratt pubblikat fil-25 ta' Mejju 1900 min-nutar Dr Lorenzo Cassar li permezz tieghu Carmelo Grima, iben Giuseppe imwieled u residenti z-Zejtun akkwista l-enfitewsi perpetwa ta' porzjon art maghrufa bhala in-Noqra b'kejl ta' sebat itmiem u sebgha mizuri u konfinanti mit-Tramuntana ma beni ta' Caruana, nofsinhar max-xatt, u murija fi pjanta annessa mal-att.
>
> "Mill-pjanta annessa mal-kuntratt il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-art oggett ta' dak il-kuntratt tinkludi l-art li fuqha nbniet il-kamra numru 26 oggett ta' dawn il-proceduri. Sabiex waslet ghal din il-konkluzjoni l-qorti strahet fuq il-pjanta annessa mal-att tal-25 ta' Mejju 1900, ir-ritratti mehudin mill-ajru kif ukoll il-pjanta li tinsab a fol. 69. Fiz-zona in kwistjoni tal-Bajja ta' San Tumas m'hemmx art ohra ma' gemb il-bahar li ghandha l-konfigurazzjoni tal-art oggett tal-kuntratt li sar fl-1900.
>
> "Il-qorti tqies ukoll rilevanti ghal finijiet ta' prova ta' titolu kuntratt li sar fit-30 ta' Gunju 1955 fl-atti tan-nutar Dr Joseph Gatt, li permezz tieghu

[1] F'dan il-kuntest ara s-sentenza **Direttur ta' l-Artijiet vs Polidano Brothers Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju 2007, fejn hemm rassenja utli ta' gurisprudenza ricenti.

Carmelo Grima, iben Carmelo u Agostina xebba Spiteri, kien rega' akkwista minghand il-Gvern Ingliz il-passagg li jidher fil-pjanta annessa u li kien jifforma parti mill-art originarjament akkwistata bil-kuntratt tal-25 ta' Mejju 1900, u li kienet giet trasferita lil War Department mill-ahwa Grima permezz ta'kuntratt pubblikat min-nutar Dr Emmanuele Pio DeBono fid-9 ta' Gunju 1941. Fil-kuntratt jinghad li l-art oggett tal-kuntratt hi konfinanti mit-tramuntana u nofsinhar b'art tal-familja Grima. Fatti li jkomplu jsahhu l-fehma tal-qorti li l-porzjon art tan-Noqra hi tal-atturi.

"Irrizulta wkoll li fl-10 ta‘ Marzu 2004 gie ppubblikat kuntratt ta‘ xiri li permezz tieghu l-atturi akkwistaw minghand l-ezekutur testamentarju tal-Monsinjur Professur Salvatore Grima kull wiehed sehem indiviz dikjarat fl-atti, mis-sehem ta' 2/5 indiviz li kellu l- Monsinjur Gatt f'diversi proprjetajiet fosthom dik oggett tal-kawza. F'dan il-kuntest f'paragrafu 13 tal-att jinghad li t-trasferiment jinkludi:-

"**Il-kumpless tal-bini bla numru u bla isem li hi accessibbli minn Sqaq mix-Xatt tal-Bajja ta‘ San Tumas, fil-limiti ta‘ Wied il-Ghajn, Marsascala, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha, mikri lit-terzi, muri fil-pjanta annessa markata dokument ittra P13.**

"Il-pjanta P13 turi t-tramm u l-kamra in kwistjoni. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut jitfa dubju jekk tinkludix il-kamra oggett ta' dawn il-proceduri, mill-pjanta hu altru milli evidenti li l-kamra numru 26 hi nkluza. Ir-riferenza li ghamel ghad-dokument markat P15 anness mal-kuntratt tal-10 ta' Marzu 2004, turi l-parti ta' fuq tal-art maghrufa bhala In-Noqra. Ghalkemm ma hemmx indikat dik il-parti fejn hemm il-bini, jibqa' l-fatt li dawn ghadhom tal-atturi tant li m'huwiex kontestat li jithallsu l-kera.

"Permezz ta‘ nota (GB) (fol. 30) annessa man-nota prezentata mill-atturi fit-22 ta' April 2008 u li hejja l-Magistrat Dr Gawdenz Borg, hemm spjegat il-provenjenza tal-art minghand Carmelo Grima li kien akkwistaha b'enfitewsi perpetwa, u li kien mizzewweg lil Agostina xebba Spiteri. Fid-dokument hemm spjegazzjoni ta‘ kif l-art ghaddiet ghand is-sebat uliedu, Francesca, Maria Concetta, Angelo, Carmelo, Giuseppina, Giuseppe u Monsinjur Professur Salvatore ahwa Grima. Fl-atti hemm ukoll kopja tad-denunzja relatata mal-wirt ta' Angelo Grima, iben Carmelo Grima. Fiha jinghad li l-genituri tal-mejjet kienu Carmel Grima u Agostina xebba Spiteri, u l-werrieta tieghu kienu Giuseppina, Carmelo, Giuseppe, u Salvatore ahwa Grima. Dikjarazzjoni li saret minn huh Giuseppe Grima u fiha tissemma 1/5 mill-art in-Noqra f'Marsascala bhala parti mill-wirt ta' Angelo Grima[2]. Din hi prova ohra dwar il-provenjenza tal-art minghand Carmel Grima, u li tinkludi wkoll fejn Spagnol bnew il-kamra li l-atturi jirreferu ghaliha bin-numru 26. Hu car li l-atturi huma kollha aventi kawza ta' wlied

[2] Skond testment li ghamel Angelo Grima fit-13 ta' Marzu 1961 fl-atti tan-nutar Dr Paul Pellegrini Petit, il-werrieta tieghu huma Giuseppe u Carmelo Grima. Dan tal-ahhar missier l-atturi Charles, Alfred u Gemma Brownrigg, ahwa Grima.

Carmelo u Agostina xebba Spiteri. Hekk per ezempju l-atturi Carmelo, Alfred u Gemma ahwa Grima huma wlied Carmelo Grima. Il-qorti tirrileva wkoll li meta l-Magistrat Borg xehed fil-kawza Grima vs Spagnol et (243/92) qal: "*Kemm ili mizzewweg ghal dawn l-ahhar hamsa u tletin sena, jiena naf illi l-ghalqa fejn inbniet il-kamra meritu tal-kawza odjerna, kienet ghand il-familja Grima jigifieri proprjeta' taghhom*.".

"Ghalkemm il-konvenut isostni li dan id-dokument m'huwiex prova ghaliex ma giex konfermat bil-gurament[3], fl-ebda stadju waqt is-smiegh tal-provi ma kkontesta dak li jinghad fih. Il-qorti ma tistax tippermetti li oggezzjoni simili ssir f'nota ta' sottomissjonijiet meta waqt il-gbir tal-provi l-konvenut baqa' sieket. Fil-fehma tal-qorti l-passivita tal-konvenut hi fiha nnifisha konferma li ma kienx qieghed jikkontesta l-fatti dikjarati fid-dokument. Hu veru li l-prova trid issir minn min jallega, pero daqstant iehor l-ebda parti m'ghandha tithalla tissorprendi lill-parti l-ohra billi tqajjem oggezzjonijiet wara li jinghalqu l-provi. Dan zgur li m'huwiex il-mod kif issir il-gustizzja.

"Il-qorti hi altru milli sodisfatta li mill-provi rrizulta ampjament l-art li fuqha hi mibnija l-kamra 26, hi tal-atturi. Ghalhekk altru milli ghandhom interess guridiku.

"Ghalkemm il-konvenut iddikjara li m'huwiex il-proprjetarju tal-kamra bin-numru 26, qal ukoll li:

> "**'Ma jaqbilx illi l-familja tieghu u senjatament ommu m'ghandhiex jedd fuq l-art'** (fol. 39 – nota prezentata fit-22 ta' Mejju 2008).

"Jirrizulta li omm il-konvenut, Catherine Spagnol, mietet fil-pendenza ta' dawn il-proceduri. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-dikjarazzjoni causa mortis li l-konvenut ghamel fit-28 ta' Settembru 2009 fl-atti tan-nutar Dr Charles Vella Zarb. Dikjarazzjoni li ghamel fl-interess tieghu u ta' hutu Vincenza Camilleri, Antonia Zahra, Angela Abela, Mary Mangion, Emanuel, Carmelo, Martina Attard u Jane Vella, fejn jinghad li ommhom mietet fid-29 ta' Marzu 2009 u l-wirt jinkludi:-

> "**'Boathouse fil-Bajja ta' San Tumas bla numru u bla isem, situata f'dahla li taghti ghax-xatt, libera u franka, bl-arja libera taghha, ghandha ukoll boxroom u parapet maghha.'**.

"Mill-att m'huwiex car jekk il-boathouse hijiex dik oggett ta' din il-kawza. Madankollu waqt il-kontro-ezami, seduta tat-12 ta' April 2012, il-konvenut xehed:

> "**'Kien biss fid-denunzja tal-mama li ahna semmejna il-kamra u semmejnieha bhala proprjeta intiera tal-mama.'**.

[3] Ara nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fit-28 ta' Awwissu 2012.

"Din hi okkazzjoni ohra fejn il-konvenut waqa' f'kontradizzjoni, meta tqies li fin-nota tal-eccezzjonijiet iddikjara:

> "**'il-konvenut qatt ma ppretenda illi huwa l-proprjetarju ta' l-art in kwistjoni u ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur.'**.

"Eccezzjoni li qatt ma rtira[4]. Il-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti li hu u hutu huma proprjetarji tal-kamra in kwistjoni. Inoltre l-konvenut ma ta l-ebda prova li jista' ghandu xi titolu iehor fuq il-kamra in kwistjoni. Jinghad ukoll li hu rrilevanti kemm il-kamra ilha fil-pussess ta' Spagnol, in kwantu ma nghatat l-ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva trigenerarja.

"Waqt is-smiegh tal-provi qamet kwistjoni dwar id-data meta nbniet il-kamra. Il-konvenut isostni li kienet diga' tezisti fl-1967, u pprezenta ritratt mehud mill-ajru matul dik is-sena (fol. 70). Il-qorti ma taqbilx li d-dokument juri l-kamra oggett tal-kawza. Kull ma jidher hu hajt wiehed. Inoltre meta taghmel paragun bejn ir-ritratt tal-1967 u dak tal-2008, ghalkemm jidher it-tramm, il-kamra li tidher fir-ritratt tal-2008 hi f'posizzjoni differenti minn fejn il-konvenut jallega li tidher il-kamra fir-ritratt tal-1967. Hu veru li fis-*survey sheet* GP1 a fol. 69, li fuqha jinghad *Extraction part of survey sheet of 1967 survey sheet No 6068*, jidhru zewg strutturi, pero' mill-istess dokument jidher li hu interpretazzjoni ta' ritratt mehud mill-ajru. Fil-fatt fil-parti Sheet History jinghad: *Air Photography by Hunting Surveys Ltd, August 1968*.

"Inoltre, fil-kawza **Charles Grima et vs Michael Spagnol et** (Avviz 274/1992) :-

"i. **<u>Michael Spagnol</u>**, missier il-konvenut, xehed fil-24 ta' Novembru 1992: **Il kamra meritu tal-kawza odjerna, ilha f'idejja ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena (15). Il-kamra in kwistjoni bnejtha jien u ilha ghandi min dak iz-zmien. Jiena kera qatt ma hallast lil hadd. Jiena il-kamra bnejtha fuq art u l-art hadtha ghaliex ma hi ta' hadd. Jiena ma ghamiltx ricerki biex nara jekk hiex ta xi hadd l-art li bnejt fuqha l-kamra. Jiena ma tlabt permess lil hadd biex nidhol u nibni fuq dik l-ghalqa. Ghandi tramm li tieghu inhallas kera lill-attur. It-tramm in kwistjoni ma jmissx mal-kamra izda qieghed pied il-boghod minnha. Jien ili nhallas il-kera tat-tramm u ta' l-art li fuqha npoggi t-tramm, lil l-atturi ghal dawn l-ahhar hamsin sena (50)…Jiena naf li n-nies ta' madwari ihallsu l-kera lill-atturi**.

"Skont il-verzjoni li ta Michael Spagnol, il-kamra nbniet fl-1977.

"ii. **<u>Joseph Spagnol</u>**, il-konvenut f'dik il-kawza kien xehed fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1992 u kkonferma dak li qal missieru. Ghalkemm

[4] Eccezzjoni li ma jistax ighid li nghatat ghaliex ommu kienet ghadha hajja, gialadarba ommu stess iddikjarat li l-kamra ".....ghaddiet ghandi u ghand ir-ragel tieghi Kieli bhalha familja. Wara li miet iz-ziju, il-kamra giet f'idejna." (fol. 61). Verzjoni li l-qorti ma temminx

f'din il-kawza l-konvenut xehed li l-kamra dejjem hemm jafha, din il-verzjoni hi totalment differenti ghal dik li ta fil-kawza numru 274/1992. Kawza li hu stess ikkonferma li l-oggett taghha kienet **il-kamra li ghandna l-kawza dwarha**. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ipprova jiggustifika l-kontradizzjoni billi qal li l-kamra kienet tezisti u: **"Ahna waqqajna l-kamra, ergajna bnejniha. Il-gebel kien tmermer, uzajna gebel gdid. Dil kamra kienet antika, kienet fil-baxx. Kienet l-unika kamra li bix-xogholijiet li ghamlu giet taht il-livell tat-triq."** . Fid-deposizzjoni li kien ta Michael Spagnol, m'hemm l-ebda hjiel ta' dak li xehed Joseph Spagnol fis-seduta tat-12 ta' April 2012. Anzi missieru xehed li **"Jiena il-kamra bnejtha fuq art u l-art hadtha ghaliex ma hi ta' hadd."**. Sahansitra fl-affidavit li Joseph Spagnol ipprezenta fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2010 (fol. 66), imkien ma qal li l-kamra kienet twaqqghet u nbniet mill-gdid. F'dak l-istadju l-konvenut illimita ruhu biex ighid li: *"Dejjem uzajna din il-kamra u rrangajniha konna ilna nuzawha ghal ghexieren ta' snin. Nispjega li missieri meta rrangaha kien bidlilha s-saqaf u din kienet spiza pjuttost kbira ghalih u ghalhemm ma kienx ser jaghmel din l-ispiza jekk xi hadd kien jippretendi li l-kmara kienet tieghu*." (fol.67)[5]. Verzjoni ohra differenti. F'dan ix-xenarju l-qorti ma tistax tasal biex tghid li dak li xehed il-konvenut f'din il-kawza, hu l-verita. Il-qorti hi moralment konvinta li l-verita hi riflessa fil-verzjoni li ta Michael Spagnol fil-kawza 274/1992. M'hemmx dubju li a bazi ta' dik il-verzjoni Michael Spagnol u s-successuri tieghu qatt ma setghu akkwistaw il-proprjeta tal-kamra numru 26 permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva tat-tletin sena.

"Il-konvenut ma ta l-ebda raguni ghalfejn wara dawn is-snin kollha ta verzjoni li qatt ma ssemmiet minn missieru u wisq inqas minnu. Inoltre, jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jemmen il-verzjoni li ta l-konvenut li dejjem jiftakar kamra biswit it-tramm, mir-ritratti tal-1967, 1977 u 2008, hu evidenti li l-kamra li nbniet fl-1977 ma nbnietx fl-istess post fejn Joseph Spagnol qieghed isostni li tidher il-kamra fir-ritratt tal-1967.

"Ghalkemm il-konvenut isostni li hemm membri ohra tal-familja tieghu li jaghmlu uzu mill-kamra oggett tal-kawza, ma jfissirx b'daqhsekk li l-kawza ma tistax tkompli fil-konfront tieghu[6]. Min-naha l-ohra m'hemmx dubju li din is-sentenza ma tistax ikollha effett kontra nies li m'humiex parti fiha (Artikolu 237 tal-Kap. 12).

"Fl-ahharnett il-qorti tosserva wkoll li t-tezi tal-konvenut tvarja. Beda biex fin-nota tal-eccezzjonijiet qal li ma jippretendix li hu proprjetarju, filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet jippretendi li ghandu sehem mill-

[5] Verzjoni li tat ommu Catherine Spagnol fl-affidavit: "Kien f'dak iz-zmien illi jien u r-ragel iddecidejna illi nirrangawha ftit anke biex ingibuha ahjar ghal-livell tat-triq. Konna sahansitra ergajna ghamilnilha s-saqaf. Issa qed nitkellmu fuq xi tletin sena ilu." (fol. 61).

[6] Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2009 (fol. 50) li saret quddiem l-Assistant Gudizzjarju, id-difensur ipprezenta tliet ritratti mehudin mill-ajru u ddikjara li minnhom jirrizulta li ".....*l-kamra de quo nbniet inqas minn tletin (30) sena qabel ma giet ipprezentata c-citazzjoni, ghalhekk huwa mhuwiex sejjer iharrek lil hadd bhala werriet tat-titolu meta fuq il-kamra li tigi preciz mat-tramm hadd ma ghandu titolu*.".

> proprjeta permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena. Min-nota ta' sottomissjonijiet hu evidenti kif sal-ahhar baqa':-
>
> "iii. Jipprova jistahba wara l-hajt tal-pussess (ara paragrafi numru 2 sa 8) u jghid li ma kellu bzonn jaghti prova ta' xejn iktar; u
>
> "iv. Fl-istess hin jinvoka pussess ta' mhux inqas minn tletin (30) sena, u ghamel riferenza ghall-provi li fil-fehma tieghu juru pussess animo domini, kontinwu, mhux miksur, pubbliku u pacifiku. Elementi li huma essenzjali biex parti taghti prova ta' titolu permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Argumenti li jaghtu lill-qorti x'tifhem li qieghed jinvoka li hu proprjetarju bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Ir-riferenza ghas-sentenza **Canadian Enterprises Limited vs Emanuel Zammit** m'hijiex rilevanti, in kwantu certament li jekk kien jezisti pussess animo domini min-naha ta' Michael Spagnol, dan certament ma kienx pacifiku gialadarba kien hemm il-kawza bejn il-partijiet sabiex Michael Spagnol jigi zgumbrat mill-kamra[7]".

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Spagnol tal-31 ta' Ottubru, 2012, li permezz tieghu appella mis-sentenza hawn fuq imsemmija, fejn filwaqt li ghamel referenza ghall-atti kollha tal-kawza u ghall-provi kollha migjuba, talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u filwaqt li tichad it-talbiet tal-atturi, tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi appellati, li permezz taghha ntalab li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

[7] F'kull kaz in-nota ta' sottomissjonijiet ma tistax isservi biex fiha jinghataw eccezzjonijiet godda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell quddiem din il-Qorti, l-appell gie differit ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jiinghad mal-ewwel li in tema legali l-azzjoni mressqa mill-atturi hija dik *rei vendicatoria,* li hija azzjoni reali li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt ta' proprjetà tal-atturi u konsegwentement it-tutela ta' dak id-dritt u r-restituzzjoni tal-haga reklamata. Ghalhekk isegwi li f'din l-azzjoni huwa mehtieg illi ssir kontra dak li attwalment ikun jipposjedi l-haga. Mhux kontestat illi l-konvenut huwa attwalment fil-pussess tal-kamra li l-atturi qeghdin jirrivendikaw.

Fl-*actio rei vindicatoria* mressqa mill-atturi, iridu jipprovaw id-dritt taghhom ta` proprjeta` fuq il-haga rivendikata b'mod shih u konklussiv u b'mod li kull dubju, anke l-icken, imur favur il-konvenut possessur. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Frans Mallia** jinghad hekk –

> "*Azzjoni ta` din l-ghamla titfa` piz qawwi fuq min jaghmilha ghaliex irid iressaq l-aqwa provi dwar il-jedd tieghu fuq il-beni li jrid jiehu lura f`idejh. Din ir-regola waslet biex holqot il-frazi `probatio diabolica` biex turi kemm huwa gholi l-grad mehtieg ta` prova li jrid iressaq attur f`kawza ta` din ix-xorta; u dan ghaliex actore non probante reus absolvitur, filwaqt li in `parti causa melior est conditio possidentis`. Mhuwiex ghalhekk bizzejjed li l-attur jipprova li l-gid rivendikat m` huwiex tal-imharrek*".

Hekk ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fis-7 ta' Jannar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Gregory Vella et v. Regina Cardona et**, inghad illi:

> "*Pacifici Mazzoni jfisser l-azzjoni rivendikatorja bhala:*
>
> "*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria…. L'azione rivendicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii: actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis…. La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attoreo di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giustificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da Aubry e Rau, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta probatio diabolica. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che'*

*pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

"*1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto….*

"*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

"*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua domanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

"*Del resto la prova della propreta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

"*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dale mappe o campioni catastali*."[8]

"*Fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji dottrinali, nsibu l-qrati taghna jispjegaw illi:*

> "*L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika. Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li l-haga mhix tal-konvenut, imma jehtieg li juri pozittivament li hi tieghu nnifsu – 'melior est conditio possidentis'. Gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna, fuq l-istregwa tal-principji ammessi universalment mid-dottrina u l-gurisprudenza, bazata fuq ligijiet bhal taghna, illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez.Vol.XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-pussessur konvenut'. Kompla f'dik is-sentenza jinghad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105;"*[9]

"*Hekk ukoll inghad illi: "Rekwiziti ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-haga akkwistata legittimament u li l-konvenut ikun qed jippossediha. Ir-regolament tal-*

---

[8] *Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884;vol.III.# 131-134, p.207et seq.*
[9] Appell Civili: Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg:17.11.1958;Kollez.vol.XLII.pt.I.p.575

*provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteggjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeccepixxi li hu ghandu titolu fuq il-haga rivendikata aktar mill-attur, il-piz tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilhaqx din il-prova jissokombi fl-eccezzjoni tieghu; jekk ghall-kuntrarju huwa jittrincjarja ruhu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tieghu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, izda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, ghandu jissuccedi fl-eccezzjoni tieghu".*[10]

Trattati l-principji legali dwar l-azzjoni rivendikatorja, imiss li jigu indirizzati l-aggravji kif proposti mill-konvenut appellant. Fl-ewwel aggravju tieghu jinghad li l-ewwel Qorti tbieghdet mil-linja gurisprudenzjali li tirregola l-kawzi ta' rivendika ta' proprjetà immobbli meta ddikjarat li "*l-gurisprudenza lokali zviluppat b'tali mod fejn ma baqghetx tinsisti fuq il-prova diabolika*"*.* Ghalhekk jinghad mill-konvenut appellant li l-Qorti naqset li tiddistingwi bejn il-kazijiet eccezzjonali fejn jistghu jigu mwarrba l-principji tal-*actio rei vendicatoria,* sabiex b'hekk jigu applikati l-principji tal-*actio publiciana,* u dawk fejn ma jistghux, kif isostni li huwa l-kaz prezenti. Jilmenta li l-ewwel Qorti applikat ghall-kaz in ezami, il-principji tal-*actio publiciana* meta effettivament ma kellhiex tapplikahom. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Direttur ta' l-Artijiet v. Polidano Brothers Limited**, meta dik odjerna hija wahda vendikatorja. Il-konvenut jishaq li huwa, fil-proceduri odjerni, qatt ma vvanta xi dritt jew titolu ta' proprjetà u ghalhekk ma kellu jsir ebda paragun ta' titoli tal-kontendenti. Jinghad ukoll li l-ewwel Qorti dahlet f'kontradizzjoni meta kkontemplat l-applikabbilità tal-*actio*

[10] Giuseppi Abela vs John Zammit: P.A.16.5.1963

*publiciana* meta fl-istess waqt irriteniet li tinsab altru milli sodisfatta mill-provi li l-art li fuqha hija mibnija l-kamra numru 26, hija tal-atturi. Ghalkemm isostni li l-*actio publiciana* qatt ma kellha tigi applikata ghall-kaz odjern, iqis sinifikanti li l-ewwel Qorti hasset il-htiega li taghmel dan, peress li fil-fehma tieghu dan ifisser li dik il-Qorti ma kenitx sodisfatta mill-provi prodotti mill-atturi dwar il-pretensjonijiet taghhom ta' sidien.

Ghandu jinghad mal-ewwel, illi din il-Qorti ssostni l-principji esposti qabel, li fl-*actio rei vendicatoria* l-attur ghandu jipprova t-titolu tieghu minghajr dubju ta' xejn u dan billi jipprova titolu originali. Il-qrati taghna accettaw il-principju li jkun bizzejjed li jigi pprovat min ghandu l-ahjar titolu bejn il-kontendenti fil-kawza (*action publiciana)* meta l-konvenut *jeccepixxi* li huwa l-proprjetarju u jipproduci provi f'dan is-sens. F'tali kaz, isir ezami komparattiv tat-titoli rispettivi tal-partijiet sabiex jigi stabbilit min ghandu l-ahjar titolu fuq il-haga in disputa. Isegwi li, in kwantu f'din il-kawza l-konvenut mhux qieghed jeccepixxi titolu, (minkejja li jinghad mod iehor waqt il-proceduri), izda semplicement pussess, il-kawza tibqa' wahda vindikatorja. Ma tistax issir wahda fejn isir paragun bejn it-titoli vantati bejn il-kontendenti fil-kawza ladarba l-konvenut ma eccepiex li qieghed jivvanta titolu. Dana peress li l-Qorti hija limitata li tistharreg it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut, hekk kif sorretti mill-provi in atti, u ma tistax

tikkonsidra la talbiet u lanqas eccezzjonijiet li ma jirrizultawx minn dawn l-atti guddizzjarji partikolari.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, ghalkemm l-ewwel Qorti ppremettiet li sehhew l-izviluppi gurisprudenzjali f'dak li ghandu x'jaqsam mar-rigorozità tal-prova *diabolica* fl-*actio rei vendicatoria,* (u kien f'dak il-kuntest li saret referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Direttur ta' l-Artijiet v. Polidano Brothers Limited**), izda effettivament hija baqghet titratta l-kaz bhala wiehed ta' *rei vendicatoria*, peress li stharrget sew it-titolu vantat da parti tal-atturi u stqarret li kienet sodisfatta mit-titolu taghhom. Imbaghad ghaddiet biex tistharreg l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif rizultanti mill-atti, qabel ma cahdithom, izda b'daqshekk ma jistghax jinghad li applikat il-principji tal-*actio publiciana* ghall-kaz in ezami. Minn ezami tas-sentenza appellata imkien ma jirrizulta li l-ewwel Qorti esprimiet xi dubju dwar it-titolu tal-atturi, anzi qalet espressament li kienet tinsab sodisfatta minnu. Lanqas ma setghet taghmel xi ezami komparattiv ta' titoli, ladarba l-konvenut ma ressaq ebda titolu.

Isegwi li taht dan l-aspett, l-ewwel aggravju tal-konvenut ma jirrizultax meritevoli.

Taht it-tieni aggravju jinghad li l-ewwel Qorti tbieghdet mil-linja ta' gurisprudenza u d-dottrina f'kawzi ta' rivendika ta' proprjetà immobbli li jesigu li meta jkun hemm l-icken dubju dwar il-proprjetà tar-rivendikant, il-Qorti ghandha ssostni lill-pussessur.

Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut appellant, in kwantu l-attur f'kawza rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tieghu ta' proprjeta` fuq il-haga rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken, imur favur il-konvenut possessur. Inoltrè min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn jipprova l-proprjeta` tieghu. Il-konvenut f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiehu xi inizjattiva, sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx huwa ghandu jirbah il-kawza; jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija ghandha ssostni lill-possessur. (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Sebastian Vella et v. Charles Curmi**).

Wiehed irid issa jghaddi biex jezamina jekk l-ilmenti kollha elenkati taht it-tieni aggravju tal-appellant humiex gustifikati, fil-kuntest tal-principji appena enuncjati.

Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ghaddiet biex tanalizza l-kuntratti esebiti mill-atturi minghajr ma ttrattat id-dubji mqajjma minnu.

Dan jinghad mill-konvenut senjatament fir-rigward tal-kuntratt tal-25 ta' Mejju 1900, fl-atti tan-Nutar Lorenzo Cassar, fejn flimkien mal-pjanta jinghad li l-art tan-Noqra oggett tat-trasferiment enfitewtiku tmiss min-nofsinhar max-xatt. Jinghad minnu li l-ewwel Qorti kellha diffikoltà tidentifika jekk din l-art tinkludix fejn hemm mibni din il-kamra in kwistjoni, tant li kellha tirrikorri ghall-*aerial photograhs* u pjanti ohra, qabel ma kkonvinciet ruhha, a bazi tal-konfigurazzjoni tal-istess art, li l-art kienet tinkludi fejn hemm mibnija l-kamra.

Din il-Qorti ssib li dan l-argument tal-konvenut appellant assolutament ma jregix. Mhux biss minhabba l-fatt li l-kuntratt ta' cens perpetwu tal-1900, li permezz tieghu l-ante-kawza tal-atturi, Carmelo Grima akkwista l-art denominata "Tan-Noqra", jinkludi pjanta li tindika car li l-estent tal-art kienet tasal proprju sa xatt il-bahar, izda proprju meta wiehed iqabbel din il-pjanta mas-*survey sheet* esebita mill-istess konvenut, fejn huwa stess indika bl-ittra "A", il-post ezatt fejn tinsab din il-kamra. Din il-Qorti, bhal ta' qabilha, m'ghandha l-ebda dubju li hawn si tratta tal-istess art. Inoltrè proprju minhabba l-konfigurazzjoni partikolari taghha, kif ukoll minhabba l-isem li bih hija denominata "tan-Noqra", li jiffigura fuq l-istess pjanta, ikomplu jsahhu l-konvinzjoni ta' din il-Qorti.

Fit-tieni lok, il-konvenut appellant iqajjem il-punt li bejn l-1900 u l-2004, seta' kien hemm aljenazzjoni ta' xi porzjoni mill-istess raba' jew

esproprjazzjoni. Anzi jghid li mill-provi jirrizulta li parti mill-art tan-Noqra zgur li ma kenitx tappartjeni lill-atturi. Dan jinghad minnu peress li wiehed mil-istess atturi, Charles Grima fix-xhieda tieghu, jikkoncedi li parti mill-art kienet ittiehdet sabiex saret it-triq, tant li rrizulta wkoll mill-provi, li nghata l-asfalt madwar il-kmamar mill-enti pubblici; jirrizulta, fil-fatt, li parti mill-art kienet giet trasferita lill-War Department mill-ahwa Grima permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Emmanuele Pio Debono fid-9 ta' Gunju, 1941. Filwaqt li permezz ta' kuntratt tat-30 ta' Gunju, 1955, fl-atti tan-nutar Dr Joseph Gatt, Carmelo Grima kien rega' akkwista minghand il-Gvern Ingliz, il-passagg li jidher fil-pjanta hemm annessa.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kuntratt datat 30 ta' Gunju, 1955, fl-atti tan-nutar Dr Joseph Gatt, li permezz tieghu tabilhaqq Carmelo Grima akkwista art fil-Bajja ta' San Tumas, fil-kontrada "Tar-Ramla", u l-passagg immarkat minn A sa B fuq il-pjanta annessa mal-istess kuntratt. Hekk kif innotat mill-ewwel Qorti, l-irjiehat hemm indikati huma fis-sens li mit-tramuntana u min-nofsinhar, l-art suggett ta' dan il-kuntratt huma indikati bhala konfinanti l-proprjetà tal-familja Grima, u mil-Lvant mat-triq li taghti ghaz-Zejtun. Fil-klawsola relativa ghall-provenjenza jinghad li din l-art kienet akkwistata mid-Dipartiment venditur proprju **minghand l-ahwa Grima**, fl-atti tan-Nutar Dr Emmanuele Pio Debono fid-9 ta' Gunju, 1941. Dan huwa proprju meqjus rilevanti peress li

jikkonferma li sal-1955, **l-art fuq in-naha tat-tramuntana konfinanti l-istess passagg, fejn jinsabu l-*boathouses,* kienet dikjarata li tappartjeni lill-familja Grima**. Fi kwalunkwè kaz, huwa ritenut li l-parti l-kbira tal-argumenti tal-konvenut appellant taht dan l-aggravju huma biss spekulazzjonijiet. Lanqas ma hu ritenut rilevanti l-punt dwar jekk it-triq li ghaddiet minn fuq din l-art effettivament kenitx suggett ta' esproprju jew le, peress li dik l-art mhix il-mertu tal-kawza odjerna, kif lanqas ma huwa ritenut rilevanti l-argument tal-konvenut appellant li l-atturi appellati kienu jehtiegu l-passagg sabiex ikollhom access ghal porzjon ohra t'art.

Fit-tielet lok il-konvenut appellant isostni li prova cara li l-porzjon diviza mill-art denominata "Tan-Noqra" ma kenitx tappartjeni lill-atturi huwa l-kuntratt tal-10 ta' Marzu, 2004, innifsu. L-appellant jirreferi ghall-fatt li f'dan il-kuntratt il-paragrafu numru 15, hekk kif akkumpanjat bil-pjanta mmarkata P15, l-art tan-Noqra ma testendix sal-bahar, izda sac-cint qabel ma jibdew il-kmamar li hemm vicin ix-xatt. Il-pjanta P15 ma tinkludix dik il-parti fejn jibda l-bini, u dan il-fatt, fih innifsu, kellu jkun bizzejjed, fil-fehma tal-appellant, biex inissel id-dubju. Jghid li l-ewwel Qorti ghamlet hazin, meta qalet li ta' dawn il-kmamar l-atturi jithallsu l-kera, mentri huwa jikkontendi li fejn hemm il-kamra *de quo,* din kienet inbniet mill-antenati tieghu u kera qatt ma thallset. Jirreferi ghall-fatt li l-kuntratt tal-2004, il-binjiet gew elenkati individwalment u ma saret ebda

referenza ghall-art ta' bejniethom, li llum tinsab asfaltata. Taht il-paragrafu 13 issir referenza ghal kumpless ta' bini, bla numru u bla isem, mikri lil terzi. Il-konvenut appellant jinsisti li ghalkemm il-pjanta P13 tirreferi ghall-kamra *de quo,* dan il-paragrafu 13 ma jista' qatt jitqies li jirreferi ghall-kamra f'idejn il-konvenut peress li: (a) l-kamra hija wahda u ma tista' qatt tigi ekwiparata ghal kumpless ta' bini, mentri l-pjanta tirreferi ghal kumpless ta' bini kompost minn tlett ambjenti; (b) ma jithallas ebda kera fuq l-istess kamra mentri fuq il-pjanta jinghad li l-kumpless ta' bini jinsab mikri lil terzi; (c) il-fatt li l-kamra suggett ta' din il-kawza hija daqs il-*boathouses* l-ohra u qatt ma jista' jinghad li hija xi *"kumpless" "kompost minn tlett ambjenti, li wiehed minnhom huwa parzjalment imgarraf*". Ghalhekk jinsisti li dan il-paragrafu bil-fors qieghed jirreferi ghal xi kumpless ta' tliet ikmamar ohra, li mhumiex dawk indikati fuq il-pjanta mmarkata P13; (d) jikkontendi li l-pjanta P13 tindika precizament il-kamra f'idejn il-konvenut, izda ma tindikax it-tramm li ma jirrizultax mill-istess pjanta, u ghalhekk jishaq li l-atturi huma sidien biss tal-bini li jinsab indikat fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-1955, izda l-art kollha madwar l-istess bini, inkluza l-kamra li tinsab f'idejh, kif ukoll l-art ta' taht it-tramm mhix proprjetà tal-atturi; (e) kieku l-atturi kienu verament proprjetarji tal-art tan-Noqra sal-bahar, l-irjihat f'paragrafu 15 kienu jkunu differenti.

Din il-Qorti rat il-kuntratt ta' bejgh tal-10 ta' Marzu, 2004, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, fejn l-atturi fil-kawza akkwistaw zewg ishma indivizi minn hamsa, f'diversi proprjetajiet, minghand l-ezekutur testamentarju tal-Monsinjur Professur Salvatore Grima, fosthom dik oggett tal-kawza. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tinsab konvinta li l-kamra oggett ta' din il-kawza taqa' taht il-provvediment tal-paragrafu 13 tal-imsemmi kuntratt, fejn jinghad:

> "*Il-kumpless tal-bini bla numru u bla isem li hi accessibbli minn Sqaq mix-Xatt tal-Bajja ta' San Tumas, fil-limiti ta' Wied il-Ghajn, Marsascala, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha, mikri lit-terzi, muri fil-pjanta annessa markata dokument ittra P13*".

Il-fatt li din il-klawzola flimkien mal-pjanta annessa mal-istess kuntratt immarkata bhala P13, jirreferu proprju ghal fejn tinsab il-kamra suggett ta' din il-kawza, tirrizulta facilment minn paragun bejn il-pjanta P13 u s-*survey sheet* esebita mill-istess konvenut appellant, fejn fuqha mmarka bl-ittra "A" fejn tinsab il-kamra *de quo.* Dan il-fatt ma jistax ikun ikkontrastat bl-ebda mod. Il-kongetturi tal-konvenut appellant u l-hafna supposizzjonijiet li jaghmel biex jipprova jnissel id-dubju ma jregux.

Ghandu jinghad li l-argumenti kollha tal-konvenut appellant fir-rigward il-paragrafu 15 u l-fatt li fil-pjanta P15 tal-kuntratt tal-2004 din l-art tan-Noqra tasal sac-cint u mhux sal-bahar, kellu jnissel xi dubju f'mohh il-Qorti, huwa totalment bla fundament. Dana peress illi ghalkemm fil-kuntratt originali tal-akkwist tal-1900, l-antenat tal-atturi akkwista estent

kbir ta' art li kienet twassal sal-bahar, il-fatt li l-parti tal-art vicin il-bahar giet maz-zmien zviluppata mhux daqstant rilevanti biex inissel dubju kif jikkontendi l-konvenut appellant. Din il-Qorti ma tirriskontra xejn stramb li konsegwentement ghall-binjiet li zviluppaw matul iz-zmien, dawn gew elenkati individwalment fil-kuntratt tal-2004.

Inoltrè, il-fatt li l-atturi jithallsu l-kera relativament ghal dawn il-*boathouses* mhix irrilevanti kif jikkontendi l-konvenut, peress li dan il-hlas, fih innifsu, huwa rikonoxximent tat-titolu tal-atturi bhala sidien tal-art. Huwa veru li mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut appellant qieghed ihallas kera ghall-kamra *de quo,* izda din hija l-eccezzjoni, peress li kif jirrizulta ampjament mix-xhieda tal-istess konvenut u l-bqija tal-familjari tieghu, huma lkoll ikkonfermaw li jhallsu lill-atturi l-kera kemm ghat-tramm li jinsab biswit il-kamra *de quo*, kif ukoll ghal kamra ohra bin-numru 28. Il-fatt li l-konvenut appellant ihallas kera ghat-tramm, fil-fehma ta' din il-Qorti, ixejjen l-alluzzjonijiet kollha li jaghmel il-konvenut li l-art fejn jinsab it-tramm mhix proprjetà tal-atturi. Fi kwalunkwè kaz, huwa meqjus li l-porzjonijiet ta' art l-ohra li jiccirkondaw il-kamra mertu tal-kawza in ezami mhumiex daqstant rilevanti peress li din il-kawza titratta l-kamra li jokkupa l-konvenut *ut sic*, li tinsab biswit it-tramm u xejn aktar.

In kwantu ghall-paragarafu 13 tal-kuntratt tas-sena 2004, id-deskrizzjoni hemm moghtija hija pjuttost preciza, kif inhi wara kollox preciza l-pjanta P13. Id-diskrepanzi rilevati mill-konvenut appellant qeghdin fis-sottotitolu tal-istess pjanta u mhux fil-kuntratt innifsu. Izda huwa l-kuntratt li jaghti t-titolu lill-atturi. Fir-rigward l-ilmenti individwali elenkati mill-konvenut appellant jinghad is-segwenti: (a) Dwar il-fatt li l-kamra hija wahda u mhix formanti minn kumpless ta' bini, jinghad illi x-xhud Carmel Busuttil jghid hekk fir rigward: "*Hemm 2 kmamar, wahda tal-gebel u ohra tal-pjanci*". Ladarba t-tramm u l-kamra jinsabu biswit xulxin, ma ssib xejn stramb li jigu deskritti bhala kumpless ta' bini; (b) Ghalkemm ma tithallas ebda kera ghall-kamra *de quo,* il-konvenut appellant *ex admissis* ihallas il-kera ghat-tramm; (c) Ghalkemm mill-atti jinsab assodat li kemm il-kamra *de quo*, kif ukoll it-tramm, huma accessibbli indipendentement minn xulxin, mhux car il-ghala ssir referenza ghal tliet ambjenti. Madankollu huwa meqjus minn din il-Qorti li l-kliem tal-kuntratt u l-indikazzjoni fuq il-pjanta huma cari bizzejjed; (d) Apparti li din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, tinsab konvinta li mill-kumpless ta' kuntratti esebiti l-atturi ipprovaw it-titolu taghhom fuq l-art fejn tinsab il-kamra *de quo,* ir-ragunament tal-konvenut li l-art fejn jinsabu t-tramm u l-kamra mhux proprjetà tal-atturi ma jsegwix ladarba *ex admissis* ihallas il-kera lill-atturi ghat-tramm biswit il-kamra, li kif rilevat qabel, huwa fih innifsu rikonoxximent dirett da parti tieghu, tat-titolu tal-atturi

fuq l-art *de quo*; (e) Il-konsiderazzjonijiet tal-konvenut appellant dwar il-paragrafu 15 mhumiex meqjusa rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza.

Fl-ahhar il-konvenut appellant jirrileva d-diskrepanza bejn il-pretensjonijet attrici fir-rigward tal-kamra *de quo* bin-numru 26*,* (hekk kif tirrizulta minn pjanta annessa mac-citazzjoni), li tikkontrasta mal-kamra enumerata 26 suggett tal-kuntratt tas-sena 2004, li tikkorrispondi ghal-paragrafu 9 u l-pjanta P9 annessa mal-istess kuntratt. Dwar l-enumerazzjoni moghtija lill-*boathouses,* fil-pjanta annessa mac-citazzjoni, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Magistrat (irtirat) Gawdenz Borg, (fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati Avviz Numru 274/92), dawn in-numri inghataw lill-kmamar minnu meta gie nkarigat mill-familjari tieghu biex jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' din il-proprjetà, biex jiffacilita l-amministrazzjoni taghhom, u mhux ghaliex il-boathouses kellhom numru ufficjali. Min-naha l-ohra, l-enumerazzjoni adoperata fil-kuntratt tal-2004, hija rizultanti minn pjanti ppreparati mill-Perit tal-Kurja Arciveskovili u mhux minn xi enumerazzjoni ufficjali tal-Gvern. Dan fih innifsu, ma jnissilx id-dubju f'ghajnejn il-Qorti, dwar liema hija l-kamra suggett tal-proceduri odjerni, peress li mill-posizzjoni tal-uniku kamra li hemm li qeghda precizament fin-nofs, biswit it-tramm, hekk kif tirrizulta miz-zewg pjanti, ma jhalli lok ghall-ebda kongetturi, kif jittanta jaghmel il-konvenut appellant. Jibbasta li wiehed jara l-kamra ccirkondata bl-

ahmar fuq il-pjanta annessa mac-citazzjoni, kif ukoll dik indikata bl-iswed fuq il-pjanta P13, biex ikun jaf li dawn jitrattaw l-istess kamra.

Ghalhekk din il-Qorti, minkejja li vvalutat id-dubji kollha mressqa mill-konvenut, tibqa' soda fil-konvinzjoni li l-atturi rnexxielhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-art fejn tinsab il-kamra *de quo.* Isegwi li lanqas it-tieni aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

Taht it-tielet aggravju, il-konvenut appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti tefghet fuqu l-piz tal-prova tal-atturi, li jmur kontra l-insenjamenti li jinstiltu mill-gurisprendenza dwar l-azzjoni odjerna ta' rivendika, fis-sens li l-konvenut, bhala possessur, ma ghandu bzonn jipprova xejn. Fil-fehma tieghu, l-ewwel Qorti kkastigatu talli fis-sottomissjonijiet tieghu rrileva n-nuqqas tal-atturi li jressqu prova dwar il-provenjenza, meta qalet li huwa qatt ma kkontesta l-provenjenza tat-titolu tal-atturi, hlief fis-sottomissjonijiet. Huwa jikkontendi li dan huwa zbaljat, mhux biss peress li jinsab kontradett mill-istess eccezzjonijiet tieghu, izda peress li ma kienx jispetta lilu li jindika lill-atturi xi prova kellha ssir fir-rigward. Jissottometti li l-atturi naqsu mill-oneru taghhom meta ressqu bhala prova skrittura li jinghad li saret mill-Magistrat (irtirat) Gawdenz Borg li skont hu m'ghandhiex valur probatorju, in kwantu mhix guramentata jew korraborata u ghalhekk fil-fehma tieghu, ma tista' qatt titqies bhala prova tat-titolu tal-atturi.

Lanqas dan l-argument tal-konvenut appellant dwar in-nuqqas ta' prova da parti tal-atturi ma jregi. Ghandu jinghad li huwa minnu li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghan-nota tal-atturi tat-22 ta' April, 2008, fir-rigward tal-provenjenza tal-art tal-atturi. Izda dik il-Qorti tirreferi wkoll ghal provi ohra rizultanti mill-process. Donnu l-attur jinsa li waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju, 2009, quddiem l-assistenta gudizzjarja, l-attur Charles Grima bil-gurament tieghu pprezenta l-kuntratti kollha li minnhom jirrizulta car il-provenjenza tat-titolu tal-atturi fil-kawza odjerna.

L-art giet originarjament akkwistata b'cens perpetwu minn Carmelo Grima, antenat tal-atturi, permezz tal-kuntratt tal-1900. Angelo Grima, bin Carmelo u Agostina Grima, permezz ta' testment tat-13 ta' Marzu, 1961, fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, halla a titolu ta' legat l-usu u l-usufrutt tal-beni stabbili kollha lil hutu Monsinjur Salvatore Grima u Giuseppina Grima, filwaqt li nnomina bhala eredi tieghu lil hutu Giuseppe u Carmelo Grima. Filwaqt li fid-denunzja wara l-mewt tal-istess Angelo, tissemma proprju bhala art indiviza, l-ghalqa f'Ta' Noqra, f'Marsascala, formanti parti mill-proprjetà tieghu. Permezz tal-kuntratt ta' bejgh tal-2004, jinghata minuzjosament id-dettal tal-ishma rispettivi li kienu qeghdin jakkwistaw l-atturi kollha fil-kawza odjerna, u dan fir-rigward ta' *"zewg kwinti 2/5 indivisi tas-segwenti proprjetà"* fosthom dik taht paragrafu 13 kif inghad qabel. Dan ifisser li minkejja n-nota

spjegattiva man-nota tal-atturi tat-22 ta' April, 2008, ma tinsabx guramentata, xorta wiehed jista' facilment jasal ghall-provenjenza tal-art pretiza mill-atturi fil-kawza odjerna, permezz tal-kuntratti kollha rizultanti mill-process.

Huwa minnu li l-konvenut appellant eccepixxa mal-ewwel il-htiega li l-atturi jipprovaw it-titolu taghhom fuq il-kamra in kwistjoni, izda huwa ritenut minn din il-Qorti, li meta l-ewwel Qorti kienet qeghda tikkritika l-passività tal-konvenut fl-istadju tal-gbir tal-provi, dan ma kenitx qeghda taghmlu ghaliex kienet qeghda twarrab il-principji qabel enuncjati dwar il-prova mehtiega li ssir fil-kaz ta' *actio rei vendicatoria,* jew li kienet qeghda taqleb l-oneru tal-piz tal-prova dwar it-titolu tal-atturi. Tant hu hekk li fis-sentenza sussegwenti, dik il-Qorti qalet li "*tinsab altru milli sodisfatta li mill-provi rrizulta ampjament li l-art li fuqha hi mibnija l-kamra 26, hi tal-atturi*". Ghandu jinghad ukoll li huwa biss wara li l-ewwel ezaminat it-titolu vantat mill-atturi u kienet konvinta li ma jezistix dubju dwar it-titolu tal-atturi illi hija ghaddiet biex tezamina l-eccezzjonijiet tal-konvenut fid-dawl tal-provi u sottomissjonijiet maghmula minnu u ghamlet dik l-osservazzjoni taghha, issa kritikata mill-konvenut appellant.

Din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli fis-sentenza appellata fejn fl-azzjoni rivendikatorja, il-Qorti wara li tkun sodisfatta mit-titolu tal-atturi,

hija xorta marbuta li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, li ghalkemm fil-kaz odjern fl-eccezzjonijiet tieghu inghad li huwa mhux qieghed jikkontendi li hu proprjetarju, fl-istess nifs nghad minnu li l-kamra ilha fil-pussess tal-familja tieghu ghal diversi generazzjonijiet u kif osservat mill-ewwel Qorti, il-provi mressqa minnu proprju mmiraw lejn il-preskrizzjoni akkwisittiva ta' tletin sena, li jinsabu riflessi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.  Ghalhekk il-kritika maghmula mill-ewwel Qorti ma tinsabx barra minn lokha, mehuda fil-kuntest tal-process gudizzjarju shih.

L-ahhar punt imqajjem mill-konvenut appellant taht it-tielet aggravju, huwa senjatament id-diskrepanza bejn in-numru ta' nies li jissemmew fid-dokument anness mac-citazzjoni, in kwantu eredi tal-ahwa Carmelo u Giuseppe ahwa Grima, u n-numru ta' nies li jinsabu elenkati taht il-kuntratt ta' bejgh tal-2004.  Ir-risposta tinsab semplicement fil-fatt li l-eredi tal-ahwa Grima wirtu personalment minghand l-antenati taghhom, izda l-kuntratt ta' bejgh tal-2004, sa fejn dan kien akkwist ta' jedd reali fuq beni immobbli, u allura jikkostitwixxi att straordinarju li jmiss liz-zewg mizzewgin flimkien, kif definit taht l-Artikolu 1322(2) u (3)(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), kien jehtieg il-kunsens tal-konjugi tal-eredi tal-familja Grima, li jinsabu inkluzi wkoll fic-citazzjoni.

Isegwi li lanqas it-tielet aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Ir-raba' aggravju tal-konvenut appellant jiccentra fuq allegat zball tal-ewwel Qorti meta ddecidiet li l-provi mressqa minnu dwar il-pussess ma kenux sodisfacenti. Jishaq li f'kawza ta' rivendika, ladarba ddefenda ruhu bil-pussess, skont il-gurisprudenza huwa mhux tenut jipprova t-titolu tieghu, peress li kien jispetta lill-atturi jipprovaw it-titolu taghhom b'mod preciz u minghajr dubji, u ghalhekk jinsisti li l-azzjoni taghhom kellha tfalli, indipendentement mill-provi mressqa min-naha tieghu. Dan l-aggravju fil-verità huwa repetizzjoni ta' dak appena trattat taht l-aggravji precedenti, kif ukoll li donnu qieghed jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

Kif kellha diversi drabi okkazzjonijiet ohra li taghmel, din il-Qorti tirrileva, li bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti. Din il-Qorti, pero`, anke bhala qorti ta' revizjoni, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, kenitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi, ezercizzju li din il-Qorti

wettqet taht l-ezami tal-aggravji precedenti, fejn ma kienx ritenut li l-ewwel Qorti naqset fl-apprezzament taghha.

Fil-kaz in ezami, ma jirrizulta ebda stat ta' incertezza jew dubju dwar it-titolu tal-atturi in kwantu dawn irnexxielhom sodisfacentement jipprovaw it-titolu ta' proprjetà taghhom, naxxenti minn titolu validu. Inoltrè, din il-Qorti, wara li gharblet mill-gdid il-provi, bhal ta' qabilha tinnota li kien hemm wisq inkonsistenzi fil-provi mressqa mill-konvenut appellant. Dan jinghad partikolarment b'referenza ghal dak li xehdu l-konvenut u missieru fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Avviz nru. 274/1992), li l-kamra kienet inbniet mill-missier madwar hmistax-il sena qabel, kontra-opposta mix-xhieda moghtija mill-konvenut f'din il-kawza, fejn jinghad li l-kamra kienet ghandhom ghal generazzjonijiet shah u missieru ghamel xi xoghlijiet fis-saqaf. In-nuqqas ta' verosimiljanza fil-versjoni moghtija mill-konvenut appellant fil-proceduri odjerni, wasslu lill-ewwel Qorti sabiex gustament tiskartaha. Fil-fehma ta' din il-Qorti wkoll, il-pretensjoni tal-konvenut ta' pussess, ma setghet qatt twassal li tissarraf f'xi forma ta' preskrizzjoni akkwisittiva ta' tletin sena.

Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti taqbel pjenament mal-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward, tqis li dan ir-raba' aggravju wkoll ma jistax jintlaqa'.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tal-konvenut appellant, in kwantu jargumenta li mill-provi kollha rrizulta li l-kamra kienet mibnija minghajr habi ta' xejn, minn missier il-konvenut, filwaqt li huwa kien totalment estraneju ghall-kostruzzjoni li saret. Jikkontendi li apparti l-fatt li l-atturi naqsu li jagixxu *a tempo vergine* huwa indizju iehor li juri nuqqas ta' titolu fuq l-art. Inoltrè jilmenta li ma kellux jigi kkundannat jirrettifika dak li jirrizulta maghmul minn terzi, in kwantu gie citat f'ismu personalment u mhux in rapprezentanza l-eredità ta' missieru. Isostni li gie ppregudikat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti meta minkejja li gie apprezzat mill-ewwel Qorti li kien hemm terzi involuti tant li qalet: "s*alv u mpregudikat il-pretensjonijiet li jista' jkollhom terzi li ma kenux parti fil-proceduri odjerni*", ikkundannatu li jnehhi l-kamra *de quo* a spejjez tieghu, mentri mill-atti jirrizulta li hutu wkoll jokkupaw l-istess kamra.

Ghandu jinghad li sa fejn dan l-aggravju jitratta n-nuqqas t'azzjoni ta' whud mill-atturi a *tempo vergine,* huwa ritenut li sid l-immobbli qatt ma jitlef il-jedd ghall-azzjoni rivendikatorja, ikun ghadda kemm ikun ghadda zmien. (ara f'dan is-sens sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Marzu, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Tabib Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez v. Emanuel Sammut**).

Jigi osservat ukoll illi l-ahhar aggravju huwa inkongruwu ghall-ahhar. Huwa minnu li l-atturi ghazlu li jintavolaw l-azzjoni taghhom kontra l-

konvenut biss. Jirrizulta li fid-dikarazzjoni *causa mortis,* wara l-mewt t'omm il-konvenut, jinghad li l-istess konvenut kien qieghed jidher f'ismu u f'isem hutu kollha, meta kienet imsemmija fost affarijiet ohra, l-istess kamra. Inoltrè, uhud minn hut il-konvenut xehdu li juzaw il-kamra *de quo*. Il-konvenut, fl-ebda stadju ma talab is-sejha fil-kawza taghhom, kif ukoll lanqas hadd minnhom ma intervjena fil-kawza jivvanta l-pussess, kif ghamel il-konvenut, kif wara kollox kellhom setgha li jaghmlu ladarba kienu konsapevoli bil-proceduri odjerni (ara Artikoli 960 u 961 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk gustament kif rilevat mill-ewwel Qorti, meta mill-provi rrizulta li kien hemm membri ohra tal-familja Spanjol li kienu jaghmlu uzu mill-istess kamra, dan ma jfissirx li l-kawza ma setghetx tkompli fil-konfront tal-konvenut, izda s-sentenza jista' jkollha sehh biss fil-konfront ta' min ikun parti fiha. Isegwi li l-ordni tal-ewwel Qorti li titnehha l-kamra setghet tinghata biss fil-konfront tal-konvenut. Imbaghad jekk l-istess konvenut iqis li ghandu xi dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-eredi l-ohra, dik hija ghazla tieghu, li ma tifformax parti mill-proceduri odjerni.

Isegwi li lanqas dan il-hames aggravju tal-konvenut appellant ma jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi <u>tichad</u> l-istess u ghalhekk tikkonferma fis-shih is-

sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan illi t-terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex titnehha l-kamra in kwistjoni, jibda jiddekorri mil-lum.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-konvenut appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb